41995D0021

L 239/176 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 22.9.2000

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT EŻEKUTTIV
## tal-20 ta' Diċembru 1995
## dwar l-iskambju fil-pront bejn l-Istati ta' Schengen ta' l-informazzjoni ta' statistika u speċifika dwar il-possibiltà ta' problemi li jistgħu jinqalgħu fil-fruntieri esterni.

## (SCH/Kumm-ex (95)21)

KUMITAT EŻEKUTTIV,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 132 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 7 u 131 tal-Konvenzjoni msemmija hawn fuq,

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

L-Istati ta' Schengen għandhom jiskambjaw mill-iktar fiss possibbli informazzjoni ta' statistika u speċifika li tista' tikxef problemi ta' ħidma ħażina possibbli fil-fruntieri esterni.

L-Istati ta' Schengen għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni speċifika li jista' jkollhom lill-President permezz tas-Segretariat Ġenerali.

Is-Sottogrupp dwar il-Fruntieri għandu jeżamina din l-informazzjoni f'kull laqgħa u jagħti soluzzjonijiet prattiċi.

Ostend, l-20 ta' Diċembru, 1995.

*Il-President*

J. VANDE LANOTTE

SCH/I-QUDDIEM (95)45 rev. 2 korr.

**NOTA LILL-GRUPP ĊENTRALI**

Wara l-mandat li ġie mogħti lill-Grupp Ċentrali mill-Kumitat Eżekuttiv fl-24 ta' Ottubru, 1995, is-Sottogrupp dwar il-Fruntieri ġie mitlub jistħarreġ dwar il-problemi li dehru fir-rigward tal-kontrolli fil-fruntieri esterni.

Għal dan il-għan, fl-implementazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u sabiex jingħata kontenut fattwali tad-disposizzjonijiet tal-punt 4.1 tal-Manwali Komuni, ġiet inventata għodda ta' statistika, ibbażata fuq ix-xogħol tas-*CIREFI*.

Kull Stat jieħu ħsieb li jibgħat lis-Segretarjat tas-Schengen, fi żmien 30 ġurnata minn meta nġabret, informazzjoni ta' statistika li tipprmetti għal monitoraġġ u tagħrif aħjar tal-fenomenu tal-migrazzjoni, fil-forma tat-tabelli hawn meħmuża.

Is-Segretarjat tas-Schengen għandu d-dmir li jibgħat din l-infomrazzjoni lill-Istati tas-Schengen imedjatament.

Is-Segretarjat tas-Schengen, bi ftehim mal-FMAD (uffiċjali ssekondati), għandu jiġbor l-informazzjoni. Il-FMAD jista' jagħmel f'isem il-President l-ewwel analażi tal-problemi li jistgħu jirriżultaw mill-eżami ta' din l-informazzjoni Kull Stat Membru għandu id-dritt li jagħmel l-mistoqsijiet li jaħseb li hemm bżonn li jiġu eżaminati.

Fl-istess żmien li jibagħtu l-informazzjoni ta' statistika kull Stat Membru għandu jikkomunika informazzjoni fuq diffikultajiet kurrenti fit-twettieq ta' kontrolli fuq il-fruntieri esterni; dik l-informazzjoni tista' wkoll tiġi analiżżata skond l-arrangamenti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu ta' qabel.

Għal dan il-għan l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati ta' Schengen, permezz tad-dipartimenti tagħhom risponsabbli għall-kontroll tal-frunieri esterni u permezz ta' uffiċjali tal-komunikazzjoni, sakemm il-ftehim bilaterali jħalli dawn l-uffiċjali ssekondati jagħmlu dan ix-xogħol, għandhom jiġbru l-informazzjoni kollha fuq il-problemi speċifiċi li jqumu fil-fruntieri esterni li jissuġġerixxu problemi ta' ħidma ħażina fil-livell ta' kontroll fil-fruntieri. L-Awtoritajiet nazzjonali għandhom jiġbru u janalizzaw din l-informazzjoni u jinformaw lill-Presidenza permezz tas-Segretarjat.

Kull laqgħa tas-Sottogrupp dwar il-Fruntieri għandu jkollha punt fuq l-aġenda tagħha għall-osservazzjonijiet magħmula fuq dik l-istatistika u fuq dawn il-problemi.

SCHENGEN

## EVALWAZZJONI DWAR IL-FRUNTIERI FUQ L-ART

| Perjodu: | | F/Renju Unit | F/Belġju | F/Lussemburgu | F/Ġermanja | F/Konfederazzjoni Svizzera | F/Italja | F/Spanja | F/Andorra | TOTALI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Aljeni li ma tħallewx jidħlu (1) | Matul il-perjodu | | | | | | | | | |
| | Matul l-istess perjodu tas-sena ta' qabel | | | | | | | | | |
| | Moda (%) | | | | | | | | | |
| Aljeni illegali li nstabu ħdejn il-fruntieri (2) | Matul il-perjodu | | | | | | | | | |
| | Matul l-istess perjodu tas-sena ta' qabel | | | | | | | | | |
| | Moda (%) | | | | | | | | | |
| Aljeni li reġgħu daħħlu (3) | Matul il-perjodu | | | | | | | | | |
| | Matul l-istess perjodu tas-sena ta' qabel | | | | | | | | | |
| | Moda (%) | | | | | | | | | |
| Pajjiżi li nqabdu | Matul il-perjodu | | | | | | | | | |
| | Matul l-istess perjodu tas-sena ta' qabel | | | | | | | | | |
| | Moda (%) | | | | | | | | | |
| Aljeni li nstabu b'dokumenti falsi jew falsifikati | Matul il-perjodu | | | | | | | | | |
| | Matul l-istess perjodu tas-sena ta' qabel | | | | | | | | | |
| | Moda (%) | | | | | | | | | |

NB: Kull Parti Kontraenti għandu jbiddel it-Tabella 1 skond il-pajjiżi ta' ħdejh.

## II– EVALUATION REGARDING MARITIME AND AIR FRONTIERS

| Perjodu: | | FRUNTIERI MARITTIMI | | FRUNTIERI TAL-ARJA | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Esterni | Interni | Aljeni li ma tħallewx jidħlu ([1]) | Aljeni li reġgħu daħlu ([3]) |
| Aljeni li ma tħallewx jidħlu ([1]) | Matul il-perjodu | | | | |
| | Matul l-istess perjodu tas-sena ta' qabel | | | | |
| | Moda (%) | | | | |
| Aljeni li reġgħu daħlu ([3]) | Matul il-perjodu | | | | |
| | Matul l-istess perjodu tas-sena ta' qabel | | | | |
| | Moda (%) | | | | |
| Aljeni li nstabu b'dokumenti falżi jew falżifikati | Matul il-perjodu | | | | |
| | Matul l-istess perjodu tas-sena ta' qabel | | | | |
| | Moda (%) | | | | |

([1]) Alieni li ma tħallewx jidħlu: dan jfisser in-numri ta' aljeni li kineu parti minn proċedura sabiex jerġgħu jidħlu b'mod konformi mal-punt 1.4 tal-Manwali Komuni.
([2]) Aljeni illegali li nqabdu hdejn il-fruntiera: dan jfisser in-numru ta' aljeni li jistgħu jkunu parti mill-proċedura sabiex jistgħu jidħlu mingħajr l-formalitajiet fi Stat mhux f'Schengen.
*NB: Għal dawk il-pajjiżi li ma għandhomx ftehim li jħalluhom jerġgħu jidħlu, dawn huma aljeni illegali li nstabu f'sitwazzjoni irregolari f'arja ġeografika definita minn dawk l-Istati.*
([3]) Aljeni li reġgħu daħlu: dan jfisser in-numru ta' aljeni li jistgħu jkunu parti minn proċedura fejn jistgħu jerġgħu jidħlu fi Stat mhux f'Schengen.